**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 515/01GC**

**JOSEPH BRINCAT LIMITED**
**VS.**
**SUPERMASTER LIMITED**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' Lm1422.26c prezz ta' diversi partiti ta' hairdressing products debitament mibjugha u kkonsenjati bejn Gunju tas-sena li ghaddiet u Marzu ta' din is-sena;

Illi debitament interpellata thallas is-somma minnha dovuta is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'tissoleva kontra l-hlas ta' dan id-debitu;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghall-ragunijiet premessi u ;dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dispensat mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu l67 tal-Kodici tal-

Organizzazzjoni u Procedura Civili in vista tal-affidavit hawn anness u mmarkat dokument A ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta tahllas lil-dik attrici is-somma fuq indikata ta' Lm1422.26c bl-imghax legali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra is-0socjeta konvenut li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur